MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 516/2008

**Elmein Limited**

**Vs**

**E. Ferris & Sons Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li biha s-socjeta` attrici Elmein Limited, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta E. Ferris & Sons Limited gia' Fino Ferramenta Ltd., ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u erbghin elf tnejn u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€43, 022.52 gia' ekwivalenti ghal Lm

18, 469.57) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' *hydraulic vehicle lift* bl-accessorji kollha u inkluz il-V.A.T., liema lift kien wiehed minn tnejn li gew ordnati mis-socjeta` intimata permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Frar, 2002;

Illi nonostante illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas din is-somma diversi drabi fosthom permezz ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar, 2008, din baqghet inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet tas-socjeta` attrici.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' tlieta u erbghin elf tnejn u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€ 43, 022.52 gia' ekwivalenti ghal Lm 18, 469.57) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

3. tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 587/2008 fuq imsemmija, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet dekoribbli mill-31 ta' Jannar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati permessi mil-ligi, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-istqarrija mahlufa minn Joseph Muscat u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm

il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota tallum stess li biha s-socjeta` attrici naqqset it-talba ghal € 32, 540.52 wara hlas li sar wara li nfethet il-kawza.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet kif imnaqqsa bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------